B'dedika lil

# Dun Ġwann Grech



M' Angelo Camilleri
Assistent Segretarju/Arkivista/Delgat tal-Banda Prekursur

Dun Ġwann Grech twieled nhar il-Ġimgħa 19 ta' Lulju 1923, ix-Xewkija Għawdex. Missieri kien Marjanu Grech mix-Xewkija u Ommu Maria nee Mizzi.

Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Primarja tar-raħal tax-Xewkija u wara kompla l-istudju tiegħu fl-iskola Sekondarja tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu, ir-Rabat, Għawdex. Hawn huwa ħass li l-Mulej kien qiegħed isejjaħlu għas-saċerdozju. Għalhekk huwa daħal sabiex jagħmel il-kors ta' seba' snin fejn wara dawn is-snin laħaq qassis nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 1948 mill-Isqof Mons Mikiel Gonzi fil-Katidral t'Għawdex.

L-ewwel quddiesa sollenni tiegħu saret nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju 1948 fil-knisja parrokkjali tax-Xewkija. Dun Ġwann beda l-missjoni saċerdotali tiegħu bħala viċi parrokku fir-raħal tax-Xewkija. Huwa kien iqaddes kuljum, fejn wara kien jagħti servizzi oħra fosthom is-sagrament tal-qrar, ir-reċita tar-rużarju, l-barka sagrementali ta' kull filgħaxija u sigħat ta' adorazzjoni. Huwa kien jieħu ħsieb il-kura spiritwali tal-morda u tal-moribondi. Huwa serva għal diversi snin bħala direttur spiritwali tal-għaqdiet reliġjużi fosthom l-Azzjoni Kattolika u fil-Leġjun ta' Marija f'diversi Praesida. Kien iservi fil-parroċċa tal-Munxar fejn dam għal aktar minn tletin sena. Huwa kien imur barra min xtutna bħala supply priest f'diversi pajjiżi fosthom fil-Kanada, l-Amerika, l-Ingilterra u fl-Awstralja. Huwa għamel diversi snin l-Italja, Prato u Ruma.



DUN ĠWANN GRECH
XEWKIJA - GĦAWDEX
19.7.1923 - 21.10.2011

Dun Ġwann kien iħobbu lir-raħal twelidu ix-Xewkija u lill patrun tiegħu San Ġwann Battista. Huwa kien wieħed min ta' quddiem sabiex tinbena l-knisja rotunda. Flimkien ma' saċerdoti oħra huwa kien iħabrek sabiex inġabru l-fondi neċessarji sabiex tinbena ir-rotunda. Il-ħolma tax-Xewkin u ta' Dun Ġwann saret realta meta tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja rotunda nhar l-4 ta' Mejju 1952 mill-Isqof Ġużeppi Pace u meta tqiegħed is-salib tal-koppla nhar 31 ta' Mejju 1970, li bierku Mons Mojoli.

Fil-festa ta' San Ġwann Battista, l-patrun tiegħu u tar-raħal tax-Xewkija, huwa kien jagħti s-sehem

tiegħu b'mod attiv fiċ-Ċelebrazzjonijiet kollha tal-knisja. Huwa kien jinteressa ruħu sew fl-armar kif ukoll fil-marċi tal-festa. Kont taraħ fil-marċi mal- banda Prekursur u anke fil-programmi li tesegwixxi l-banda.
Dun Ġwann għamel aktar minn għoxrin sena bħala għalliem fil-iskola sekondarja tal-Liċeo tar-Rabat t'Għawdex. L-aktar suġġett li kien jgħallem kien it-Taljan.

Dun Ġwann kien patrijott kbir tal-Banda Prekursur u fis-sena 1973 il-kumitat tal-banda ħatru bħala Diretttur Spiritwali tagħha fejn serva għal ħafna snin, sa kemm kien għadu b'saħħtu. Lill-każin tal-banda Dun Ġwann kien irregala kalċi sabiex jintuża f'kull meta tiġi jċċerebrata xi quddiesa fil-każin.

Kien nhar il-Ħadd 17 ta' Ġunju 1973 fejn huwa ikkommemora l-25 anniversarju tal-ordninazzjoni saċerdotali tiegħu. Dak inhar il-banda Prekursur akkumpanjatu minn ħdejn id-dar tiegħu fi Triq Santa Katerina sal-Pjazza San Ġwann Battista, b'marċi brijużi, fejn wara saret konċelebrazzjoni fil-knisja arċipretali tax-Xewkija.

Dun Ġwann ħadem ukoll ħafna f'dik li hija drama. Insibu li fis-sena 1967 huwa kien waqqf għaqda drammatika Il-Prekursur fi ħdan il-banda prekursur u nistgħu ngħidu li permezz tiegħu nibtet l-imħabba għad-drama fix-Xewkija. Huwa dderiega d-dramm kolossali dwar il-Ħajja ta' San Ġwann Battista fl-iskola Primarja tax-Xewkija nhar is-Sibt 29 ta' April 1967 u nhar il-Ħadd 30 ta' April 1967, kif ukoll il-Ħajja ta' Ġesu Kristu, li kien idderiġa nhar is-Sibt 22 ta' Marzu 1969.

Kien nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju 1998 fejn Dun Ġwann fakkar il-50 anniversarju tal-ordninazzjoni saċerdotali tiegħu. Il-banda Prekursur akkumpanjatu b'marċi brijużi minn ħdejn id-dar tiegħu fi Triq Santa Katerina sal-Pjazza San Ġwann Battista, fejn wara saret konċelebrazzjoni fil-knisja arċipretali tax-Xewkija.

Il-Ġimgħa 21 t'Ottubru 2011 tħabbret il-mewt tal-qassis Xewki Dun Ġwann Grech. Huwa miet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex wara li kien ilu hemm għal xi ġimgħat kundizzjoni gravi. Huwa miet fl-eta ta' 88 sena u kien għadu attiv ħafna fil-Parroċċa tax-Xewkija.

Is-Sibt 22 ta' Ottubru 2011, il-poplu Xewki ta' l-aħħar tislima lis-saċerdot patrijott Xewki Dun Ġwann Grech. Ftit wara is-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar it-tebut bit-ġisem mejjet ta' Dun Ġwann twassal mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex għad-dar tiegħu fi Triq Santa Katerina fejn ġie espost fl-intrata biex il-poplu jkun jista jaraħ u jagħtih l-aħħar tislima. Għalkemm it-temp ma' tantx kien jippermetti minħabba ix-xita li niżlet minn ħin għalieħor kienu ħafna Xewkin li żaru d-dar tal-familja ta' Dun Ġwann fil-ħin li kien espost. Imbagħat għal-ħin tat-3.30 p.m. bdew jinġabru n-nies ħdejn id-dar sabiex jattendu għal-funeral li beda ftit qabel l-erba', peress li dak il-ħin ma kinetx nieżla xita, l-Banda Prekursur tax-Xewkija bdiet iddoqq il-marci funebri baqgħet sejra sal-Pjazza San Ġwann Battista. Quddiem il-Banda kien hemm l-istandart bil-faxxa sewda, flimkien mal-kumitat u s-surmast Direttur Anthony Borg. Wara l-banda kien hemm is-saċerdoti flimkien ma' l-abbatini, it-tebut, il-familjari u ħafna nies min kull rokna t'Għawdex, li minkejja it-temp ħażin attendew għal-korteo. Kif il-funeral wasal ħdejn Pjazza San Ġwann Battista, sab il-kleru Xewki jistenieh li waslu sal-knisja rotunda tax-Xewkija. Fil-knisja rotunda sar talb u kant biex fil-5.00pm bdiet il-Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Vigarju Mons. Ġovanni Bosco Gauci flimkien ma' l-arċipriet tax-Xewkija Mons. Carmelo Mercieca u bosta saċerdoti oħra kemm Xewkin u Għawdxin. Kanta l-Kor Vox Clamantis tax-Xewkija. Il-priedka waqt il-quddiesa saret mill-Vigarju, peress li l-Isqof Mons Mario kien jinsab imsiefer. Wara il-konċelebrazzjoni, il-funeral ta' Dun Ġwann tkompla bid-difna tiegħu fiċ-Ċimiterju San Ġwann Battista tax-Xewkija.